32005D0927

22.12.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 337/71

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/927/PESK

## tal-21 ta' Diċembru 2005

## implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/694/PESK dwar miżuri ulterjuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Taħt it-termini tal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK, il-Kunsill adotta miżuri sabiex jiffriża l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil persuni fiżiċi akkużati mit-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY).

(2) Fis-6 ta' Ottubru, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2005/689/PESK, li testendi l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK u li temenda l-lista mniżżla fl-Anness.

(3) Wara t-trasferiment ta' Mr Ante GOTOVINA għall-unitajiet ta' detenzjoni ta' l-ICTY, l-isem tiegħu għandu jiġi mneħħi mil-lista.

(4) Huwa neċessarju li l-lista li tinsab fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK tiġi adattata f'dan is-sens,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' persuni stabbilita fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK għandha tiġi sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar il-21 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
B. BRADSHAW

([1]) ĠU L 315, 14.10.2004, p. 52. Pożizzjoni Komuni kif estiża l-aħħar bil-Pożizzjoni Komuni 2005/689/PESK (ĠU L 261, 7.10.2005, p. 29).

*ANNESS*

*"ANNESS*

**LISTA TAL-PERSUNI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1**

1. Kunjom: DJORDJEVIC Vlastimir
   Data tat-twelid: 1948
   Post tat-twelid: Vladicin Han, Serbja u Montenegro
   Ċittadinanza: Serbja u Montenegro

2. Kunjom: HADZIC Goran
   Data tat-twelid: 7.9.1958
   Post tat-twelid: Vinkovci, Repubblika tal-Kroazja
   Ċittadinanza: Serbja u Montenegro

3. Kunjom: KARADZIC Radovan
   Data tat-twelid: 19.6.1945
   Post tat-twelid: Petnjica, Savnik, Montenegro, Serbja u Montenegro
   Ċittadinanza: Bosnja u Ħerzegovina

4. Kunjom: LUKIC Milan
   Data tat-twelid: 6.9.1967
   Post tat-twelid: Visegrad, Bosnja u Ħerzegovina
   Ċittadinanza: Bosnja u Ħerzegovina
   Possibbilment Serbja u Montenegro

5. Kunjom: MLADIC Ratko
   Data tat-twelid: 12.3.1942
   Post tat-twelid: Bozanovici, Muniċipalità ta' Kalinovik, Bosnja u Ħerzegovina
   Ċittadinanza: Bosnja u Ħerzegovina
   Possibbilment Serbja u Montenegro

6. Kunjom: TOLIMIR Zdravko
   Data tat-twelid: 27.11.1948
   Post tat-twelid:
   Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

7. Kunjom: ZELENOVIC Dragan
   Data tat-twelid: 12.2.1961
   Post tat-twelid: Foca, Bosnja u Ħerzegovina
   Ċittadinanza: Bosnja u Ħerzegovina

8. Kunjom: ZUPLJANIN Stojan
   Data tat-twelid: 22.9.1951
   Post tat-twelid: Kotor Varos, Bosnja u Ħerzegovina
   Ċittadinanza: Bosnja u Ħerzegovina"